*Tixxennaq u Tinfena Ruħi għat-Tempju tal-Mulej (9)*

# MONSINJUR ARĊISQOF GEORGE CARUANA





*Minn Mario Formosa Holt*

L-istorja ultra-ċentinarja tal-Parroċċa ta` Stella Maris ma nkitbitx biss permezz ta` avvenimenti importanti, imma aktar importanti minn hekk, inkitbet minn saċerdoti u lajċi għaqlija, li għamlu ġieħ mhux biss lilhom stess, iżda wkoll lill-pajjiżhom. Fost dawn ta` min wieħed isemmi lil Monsinjur Arċisqof George Caruana.



*L-Arċisqof George Caruana*

George Caruana twieled nhar l-24 t'April 1882, l-għada tal-festa liturġika ta' San Ġorġ Martri. Il-ġenituri tiegħu kienu Amabile Caruana miż-Żejtun u Carmela xebba Sammut, minn San Ġiljan. Huma kienu żżewġu fil-knisja l-qadima ta' San Ġiljan, magħrufa bħala "ta' Lapsi", u kienu ġew joqgħodu f'Tas-Sliema. Jumejn wara li twieled, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, iċ-ċkejken George tgħammed fil-knisja Parrokkjali ta' Stella Maris. Il-parrini kienu Joannes Andrea Caruana, ħu missieru li wkoll kien joqgħod Tas-Sliema, u Katerina oħt ommu li kienet toqgħod Birkirkara. Hu ngħata l-ismijiet ta' Georgius, Michael, Angelus u Joseph.

Iż-żagħżugħ George Caruana ħa l-ewwel tagħlim tiegħu ġewwa l-Kulleġġ ta' Sant' Injazju ġewwa San Ġiljan. Dan il-Kulleġġ kien immexxi mill-Ġiżwiti. Huwa kompla l-istudji tiegħu ġewwa l-Universita' Rjali ta' Malta. Sadanittant ixxetlet fih il-vokazzjoni għall-ħajja saċerdotali. Fil-fatt, għal dan il-għan, meta kellu biss tmintax-il sena, hu ħalla Malta lejn Ruma sabiex jibda l-istudji tiegħu ġewwa l-kulleġġ Capranica. Dan kien fl-1900. Dan wassal sabiex ħames snin wara, jiġifieri nhar it-28 ta' Ottubru 1905, ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Arċisqof Pietru Pace, Isqof ta' Malta. Din iċ-ċerimonja privata nżammet fil-kappella tas-sorjiet Blue Sisters ġewwa San Ġiljan.

Erbat ijiem wara, fil-festa tal-Qaddisin kollha, is-saċerdot novell George Caruana ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris. Ir-Reverendu George Caruana reġa' rritorna fil-Belt eterna sabiex jagħti servizz pastorali f'parroċċa hemmhekk.

Fl-1907, kien magħżul sabiex ikun is-segretarju ta' Monsinjur Alwiġ Agius. Dan il-patri Benedittin kien Delegat Appostoliku f'Manila, ġewwa l-Filippini. Nistgħu ngħidu li hekk bdiet il-karriera diplomatika ta' Monsinjur George Caruana. Minkejja din il-ħidma diplomatika, Monsinjur Caruana qatt ma ttraskura l-ħidma pastorali tiegħu ta' saċerdot u dejjem kont

issibu qrib ħafna tan-nies tal-lokal. Wara tliet snin ta' ħidma fil-kamp diplomatiku, Monsinjur George Caruana għażel li jagħmel xogħol pastorali ġewwa Brooklyn, New York. Hemmhekk kien kappillan ta' parroċċa ddedikata lil Santa Luċija, li kienet tħaddan numru ta' emigranti Maltin u Taljani. Fl-1914 għadda biex jagħti servizz pastorali ġewwa Long Island, dejjem fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Mad-dħul ta' l-Istati Uniti fl-Ewwel Gwerra Dinija, Monsinjur George Caruana laħaq Kappillan Militari ta' l-armata sabiex mat-tmiem tal-Gwerra nħatar Segretarju tal-Kardinal Dougherty, Arċisqof ta' Philadelphia.

Wara ħidma pastorali ta' ħdax-il sena ġewwa l-Istati Uniti, nhar il-5 t' Awwissu 1921, eżattament mitt sena ilu, Monsinjur George Caruana kien innominat Isqof ta' Puerto Rico. Hu kien ġie kkonsagrat Isqof minn idejn il-Kardinal Antonio Vico ta' Puerto Rico stess. Din iċ-ċerimonja nżammet ġewwa l-kappella tal-kulleġġ Capranica, ġewwa Ruma, nhar it-28 t' Ottubru 1921.

Xhieda tal-fatt kemm l-E.T. Isqof George Caruana baqa' jgħożż l-għeruq Slimiżi tiegħu w d-devozzjoni lejn Marija Stella Maris, insibuha fl-istemma episkopali tiegħu li fiha inkluda xini mdawwal minn kewkba.

F'dan il-perjodu, l-Isqof Caruana ntbagħat ukoll jaqdi missjoni speċjali fil-Gwatemala, fejn ir-relazzjonijiet ħziena bejn l-Istat u l-Knisja, kienu ilhom ikarkru għal madwar 150 sena. Erba' snin wara, l-E.T. Isqof George Caruana ġie msejjaħ mis-Santa Sede biex għal darb'oħra jservi fil-Korp Diplomatiku . Hu nħatar Delegat Appostoliku għall-Messiku u l-Antilles. Dan kien nhar it-22 ta' Diċembru 1925. L-għada hu ġie maħtur Arċisqof ta' Sebasta. Bla tidwir ta' kliem, irridu ngħidu mal-ewwel li l-missjoni tiegħu fil-Messiku ma kienet faċli xejn. Irridu niftakru li l-Istat Messikan fl-1917 daħħal numru konsiderevoli ta' artikli anti-kattoliċi u anti-klerikali fil-kostituzzjoni.



*L-Arċisqof Caruana liebes ta' Messikan*

L-Isqof George Caruana ħa din il-ħidma tiegħu b'impenn kbir sabiex ikun viċin tal-poplu u anke tas-saċerdoti, li ħafna minnhom kienu mfittxija sabiex jinqatlu, minħabba l-fidi tagħhom għalhekk hu kien jilbes pajżan u jagħmilha ta' bejjiegħ tas-sigarri u tal-banana.

Naturalment din il-ħidma pastorali tiegħu ma kienet togħġob xejn lill-mexxejja Messikani u f'Mejju 1926 hu safa mkeċċi mill-pajjiż. Kmieni fl-1927, l-Arċisqof Caruana nħatar Inter-Nunzju Appostoliku għall-Haiti, liema missjoni huwa wettaq b'għaqal u responsabilta' kbira sakemm f'Settembru 1935 ġie maħtur Nunzju ta' Kuba u Puerto Rico.

Fatt kurjuż seħħ fl-1939. L-awtoritajiet Ingliżi, ħakkiema ta' pajjiżna, opponew bil-qawwa kollha li l-Isqof Mikiel Gonzi jinħatar Isqof Koadjatur tal-Arċisqof Mauro Caruana. Il-Q.T. Papa Piju XI kien ser jaħtar lil-Isqof George Caruana, li min-naħa tiegħu m'aċċettax l-inkarigu minħabba problemi ta' saħħa u għażel li jibqa' jagħti serviżż ġewwa Kuba. L-istess Papa, kif wkoll il-Papa Piju XII, kemm-il darba faħħru l-ħidma qalbiena tal-Isqof George Caruana.

Minkejja dan is-servizz twil fil-Korp Diplomatiku, l-Isqof Caruana qatt ma nesa' lil art twelidu u l-għeruq tiegħu. F'dan il-perjodu, hu żar Malta tliet darbiet. Meta kien hawn Malta mexxa diversi festi, imma f'qalbu kellu rkejjen speċjali għal tas-Sliema u ż-Żejtun.

Ma ninsewx li missieru Amabile kien Żejtuni b'rabtiet sodi ma' raħal twelidu, fejn saħansitra kien idoqq il-kwartin ma' l-Għaqda Mużikali Beland.

Waqt il-btajjel tiegħu f'Malta, l-Isqof Caruana kien iqaddes fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris. Meta żar pajjiżna għall l-aħħar darba, nhar it-28 ta' Novembru 1936, hu kien il-mistieden ta' l-unur għal ikla li l-kumitat tas-Soċjeta' Filarmonika Stella Maris offra f'ġieħu. Dan il-pranzu sar fis-sala prinċipali tas-sede

tas-Soċjetà u għalih kien mistieden ukoll ir-Reverendu Rafel Capurro, kappillan, flimkien mal-kleru tal-Parroċċa ta' Stella Maris.




*Il-Qabar ta' L-Arċisqof George Caruana*

L-Arċisqof George Caruana, wara 22 sena ta' ħidma fi ħdan il-Korp Diplomatiku fi ħdan is-Santa Sede, irtira minn din il-missjoni fl-1947. Huwa rritorna fl-Istati Uniti tal-Amerika u qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu fil-Kunvent "Mater Misericordia" tas-Sisters of Mercy, ġewwa Pennsylvania. Hu ħalla dan il-wied tad-dmugħ, nhar il-25 ta' Marzu 1951, li dakinhar inzertat wkoll il-Festa ta' l-Għid il-Kbir. Hu jinsab midfun fiċ-ċimiterju li l-istess sorjiet għandhom wara l-kunvent u l-kappella tagħhom stess.

Din fil-qosor ħafna kienet il-ħajja ferm attiva ta' dan is-saċerdot, missjunarju, Isqof Djoċesan u Diplomatiku fi ħdan is-Santa Sede. Wild denju tal-Parroċċa tagħna, li żgur jistħoqqlu għarfien aħjar.

## Referenzi

*Winston Zammit – Heritage Vol.1*

*Banda Stella Maris "Mitt sena ta' storja" ta' Herbert Naudi*

*Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta*

*L-Arċisqof Ġorġ Caruana – Dun Victor Soler – l-Għaqda, Festa 1992*

*L-Arċisqof Ġorġ Caruana, iben bandist tal-Banda Beland – Charles Buttigieg – Pubblikazzjoni n.36 Soċjeta' Mużikali Beland, Żejtun 2019*

**NIXTIEQU NĦEĠĠU LIL KULL MIN GĦANDU XI MATERJAL STORIKU U RITRATTI, DWAR IL-KNISJA,**

**IS-SOĊJETA' U L-FESTA TA' STELLA MARIS, SABIEX JAGĦMLILNA KOPJA TAGĦHOM.**

**L-GĦAN TAGĦNA HU LI NIPREZENTAW DEJJEM AKTAR KTEJJEB INFORMATTIV U INTERESSANTI.**

**TISTGĦU TAGĦMLU KUNTATT MAGĦNA**

**FUQ 79445778**
**JEW STELLAMARIS1914@GMAIL.COM**